**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 10 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Christopher Scerri**

**Kump. Nru: 316/2020**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Christopher Scerri** detentur tal-karta ta' identita' bin-numru **419778M**, fejn gie akkuzat talli nhar it-8 ta' Lulju 2020 gewwa Santa Marija, Flat 3, Triq Qtrajten, Pieta' u f'dawn il-gzejjer:

1. Ghamilt offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-ex partner tieghek Muriel Micallef detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 443080M skond

kif iccertifikat minn Dr. Maria R. Borg MD (Med Reg No. 2206) minn Floriana Health Centre u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 221 (1) u 222 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-ex partner tieghu Muriel Micallef biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra d-dixxendenti/axxendenti taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 251(B)(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ukoll talli ghamel ingurji jew theddid lill-ex partner tieghu Muriel Micallef mhux imsemmijin band' ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Ghamilt offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marion Schembri detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 389882M skond kif iccertifikat minn Dr. Maria R. Borg MD (Med Reg No. 2206) minn Floriana Health Centre u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Talli fil-gurnata ta' l-Erbgha 8 ta' Lulju 2020 f'dawn il-gzejjer, naqas milli jhares xi wahda, w/jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D b'digriet datat 06 ta' Settembru 2010, Magisrtrat Dr. Josette Demicoli LL.D. b'digriet datat 03 ta' Novembru 2014 u Hon. Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.D. b'digriet datat 13 ta' Jannar 2020 u li permezz taghhom l-istess Christopher Scerri nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Muriel Micallef u Marion Schembri billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, jigu applikati l-provedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digrieti tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' Christopher Scerri kif ukoll tordna li l-ammont kollu bhala garanzija personali li giet imposta fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, hekk kif stipulat fl-Artikolu 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex titratta ma l-akkuzat bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-13 ta' Lulju 2020 (ara folio 35) sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni tal-imputat, li hija riflessjoni tar-rizultanzi processwali; apparti naturalment in-natura serja ta` l-imputazzjonijiet dedotti, u wkoll ic-cirkostanzi li taw lok ghall-dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 221(1) u 222(1)(a), 251(B)(1), 339(1)(e), 412C, 382A u 383, 579(2) u 579(3), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati, fuq ammissjoni tieghu stess, ta` l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah komplessivament:

A. ghall-piena ta` prigunerija ta` hmistax (15) il-xahar izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentejn mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija;
B. flimkien ma multa fis-somma komplessiva ta` elf euro (€1,000);

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil **Christopher Scerri,** fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

**Ordni skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' Muriel Micallef u Marion Schembri u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuni msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati Christopher Scerri billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Christopher Scerri milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija, u billi tipprojbixxi lil Christopher Scerri milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuni msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur